

EMENDA GĦAD-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL AMMINISTRATTIV TAL-UFFIĊĊJU KOMUNITARJU TAL-VARJETAJIET TAL-PJANTI TAL-25 TA' MARZU 2004 DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT (KE) NRU 1049/2001 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL TAT-30 TA' MEJJU 2001 DWAR L-AĊĊESS PUBBLIKU GĦAD-DOKUMENTI ("id-DEĊIŻJONI")

1. Id-Deċiżjoni tal-AC tas-CPVO tal-25 ta' Marzu 2004 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, hija emendata kif ġej:

Artikolu 2.1

L-Applikazzjonijiet kollha għal aċċess għal dokument għandhom jintbagħtu lill-Uffiċċju permezz tas-sit elettroniku tal-Uffiċċju (www.cpvo.europa.eu/main/), bil-posta elettronica (publicregister@cpvo.europa.eu), jew bil-posta jew bil-faks lill-indirizz uffiċjali jew numru tal-faks imsemmi fuq is-sit elettroniku tal-Uffiċċju u fil-Gazzetta Uffiċjali tal-Uffiċċju.

Artikolu 3.3

L-applikant għandu jiġi nformat bir-rispons għall-applikazzjoni tiegħu/tagħha mill-Kap tal-Unità Legali jew minn xi ħadd ieħor taħt l-awtorizzazzjoni tiegħu. Il-Kap tal-Unità Legali għandu jibgħat it-tegħibiet għall-applikazzjonijiet inizjali lill-President għal skopijiet ta' informazzjoni. Il-Kap tal-Unità Legali jista' jiddelega s-setgħat tiegħu lil membru tal-persunal tal-Uffiċċju kwalifikat kif xieraq.

Artikolu 4

Il-President għandu jibgħat l-applikazzjonijiet ta' konferma lill-Kap tal-Unità Legali għal skopijiet ta' informazzjoni. Il-President jista' jiddelega s-setgħat tiegħu lil membru tal-persunal tal-Uffiċċju kwalifikat kif xieraq.

Artikolu 10

Din id-Deċiżjoni għandha tissostitwixxi r-regoli attwali li kienu adottati fl-1 ta' April 2004 u għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Ottubru 2014.

2. Minbarra kif imniżżel f'din l-Emenda, id-Deċiżjoni mhijiex affettwata u għandha tibqa' fis-seħħ u effett sħiħ f'konformità mat-termini tagħha.
3. Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti.

Brussell, 9 ta' Ottubru 2014

Is-Sra. Bronislava Bátorová

President tal-Kunsill Amministrattiv tas-CPVO